MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 3/2012/1

**Rikors Kostituzzjonali numru 3/2012 TM**

**John Bugeja**
***versus***
**Il-Prim Ministru; l-Avukat Ġenerali; il-Provinċjal Reverendu tal-Franġiskani Minuri Konventwali bħala amministratur tal-beni tal-provinċja tal-Franġiskani Minuri Konventwali**

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta' rikuża tal-Prim'Imħallef Silvio Camilleri, President ta' din il-Qorti,

u tal-Imħallef Giannino Caruana Demajo mressqa mill-attur appellant.

2. Il-fatti li huma relevanti għal dan l-episodju huma dawn: L-attur kellu l-utli dominju ta’ proprjetà tal-Provinċja Maltija tal-Ordni tal-Franġiskani Minuri, li kellha d-dirett dominju. Meta għalaq iċ-ċens l-attur ippretenda illi l-enfitewsi temporanja tinbidel f’waħda għal dejjem taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 12 (4), (5) u (6) tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar [“Kap. 158”].

3. Billi l-Provinċja ma riditx tersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relativ l-attur fetaħ kawża fl-ismijiet John Bugeja *versus* il-Provinċjal Reverendu Alfred Calleja OFM Conv. *nomine* (ċitazzjoni numru 1508/2000) biex iġegħelha tersaq. Il-Provinċja ressqet l-eċċezzjoni fost oħrajn illi d-dispożizzjonijiet li fuqhom straħ l-attur jiksru d-drittijiet fondamentali tagħha mħarsa taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. Il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet din l-eċċezzjoni, u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-attur, u l-attur appella quddiem din il-qorti.

4. Din il-qorti ċaħdet l-appell b’sentenza mogħtija fil-11 ta’ Novembru 2011 u sabet ksur tad-drittijiet fondamentali tal-Provinċja għax il-konverżjoni ta’ ċens temporanju f’wieħed perpetwu huwa teħid ta’ proprjetà mingħajr kumpens xieraq billi l-ħtieġa ta’ proporzjonalità bejn il-valur tal-proprjetà meħuda u l-kumpens mogħti ma tkunx tħarset fejn, fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari, jitħallas kumpens ta’ euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€1.75) fis-sena għal proprjetà li tiswa aktar minn miljun euro.

5. L-attur kien ressaq l-aggravju, fost oħrajn, illi “għandu jkun l-istat u mhux l-individwu li jbati l-konsegwenzi ta’ liġi anti-kostituzzjonali” u illi, għalhekk, ukoll jekk hemm ksur tal-jeddijiet tal-Provinċja, ir-rimedju għandu jkun illi jitħallas kumpens mill-istat u mhux illi l-attur ma jitħalliex jistrieħ fuq il-jeddijiet mogħtija lilu mill-istess liġi. Din il-qorti kienet ċaħdet dak l-aggravju għax qalet illi l-liġi ordinarja għandha, sa fejn tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni Ewropeja, tkun bla effett. Ladarba nstab illi, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, hemm dik l-inkonsistenza, il-liġi ordinarja għandha tkun bla effett u l-attur għalhekk ma jistax jistrieħ fuqha.

6. Kif igħid u jrid l-art. 242(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kopja tas-sentenza

ntbagħtet mir-reġistratur lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati iżda l-leġislatur baqa' ma għamel xejn biex ineħħi l-inkonsistenza tal-art. 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 mal-liġijiet li jħarsu d-drittijiet fondamentali billi jsewwi n-nuqqas ta' proporzjon li ssemma fis-sentenza tal-11 ta' Novembru 2011.

7. Minħabba f'dan in-nuqqas l-attur baqa' ma jistax jinqeda bil-jedd illi jikkonverti l-enfitewsi f'waħda perpetwa u hekk ikompli jgawdi l-proprjetà. Għalhekk fetaħ din il-kawża tallum u għamel dawn it-talbiet li qegħdin jinġiebu hawn *verbatim*:

i. «tordna lill-intimat Avukat Ġenerali, rappreżentant tal-Gvern ta' Malta, sabiex b'mod immedjat jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata 11 ta' Novembru 2011 u jiġi indirizzat in-nuqqas ta' proporzjon ravviżat fl-istess kawża u ħalli meta dan in-nuqqas jiġi indirizzat, ir-rikorrent ikun jista' jipprevalixxi ruħu mid-dispożizzjonijiet tal-liġi hekk mibdula;

ii. «tiddikjara, b'mod sussidjarju, li fin-nuqqas li l-intimat Avukat Ġenerali, rappreżentant tal-gvern, mat-talba preċedenti hu responsabbli *in linea* ta' danni versu r-rikorrenti;

iii. «tillikwida d-danni li sofra r-rikorrent minħabba l-aġir tal-intimat Avukat Ġenerali, in rappreżentanza ta' Gvern ta' Malta hekk kif hawn fuq spjegat;

iv. «tikkundanna lill-Avukat Ġenerali jħallas id-danni kollha hekk likwidati lir-rikorrent.»

8. Ġara illi tnejn mill-imħallfin ta' din il-qorti meta tat is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2012 kienu ż-żewġ imħallfin li dwarhom l-attur ressaq l-eċċezzjoni ta' rikuża "peress li kienu iddeċidew il-kawża John Bugeja *versus* Reverendu Alfred Calleja *nomine* (ċitazzjoni numru 1508/2000), Qorti Kostituzzjonali, fil-11 ta' Novembru 2011".

9. Apparti kunsiderazzjonijiet oħra, din il-qorti tqis illi l-meritu tal-kawża maqtugħa fil-11 ta' Novembru 2011 kien dwar jekk l-art. 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 jiksirx il-jeddijiet fondamentali tal-Provinċja konvenuta, waqt illi l-meritu tal-kawża tallum huwa jekk il-gvern huwiex marbut li jibdel il-liġi b'mod illi jkun jista' jinqeda biha l-attur bla ma jikser il-jeddijiet tal-Provinċja, u jekk in-nuqqas tal-gvern li hekk jibdel il-liġi jwassalx biex il-gvern ikollu jagħmel tajjeb għad-danni li minħabba f'dak in-nuqqas iġarrab l-attur.

10. Huwa ovvju, fil-fehma tal-qorti, illi l-meritu tal-kawża maqtugħa fil-11 ta’ Novembru 2011 huwa għalkollox differenti minn dak tal-kawża tallum, b’mod illi ma jistax jingħad illi l-imħallfin li qatgħu s-sentenza tal-11 ta’ Novembru 2011 urew il-fehma tagħhom “dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x’taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha”, kif jgħid u jrid l-art. 734(1)(*d*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex imħallef jista’ jiġi rikużat. L-imħallfin li dwarhom tressqet l-eċċezzjoni b’ebda mod ma wrew il-fehma tagħhom dwar jekk il-gvern huwiex marbut li jibdel il-liġi jew għandux jagħmel tajjeb għad-danni jekk jonqos li jibdilha – il-kwistjonijiet li dwarhom iridu jiddeċiedu fil-kawża tallum. Ma hemm xejn għalhekk li jżommhom milli jisimgħu u jaqtgħu l-kawża tallum.

11. Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta’ rikuża. L-ispejjeż ta’ dan l-episodju jħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------